MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Numru 454/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**
**vs**
**Darren Agius**
**Adrian Fabri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Darren Agius**, bin John u Catherine *nee'* Hallett, mwieled Pieta' nhar il-31 ta' Dicembru, 1978 u joqghod f'19, Flat 3, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 62879(M).

**Adrian Fabri**, bin Francis Xavier u Jane *nee'* Debattista, mwieled Pieta' nhar l-1 t'Awissu, 1976 , joqghod f'64, Triq il-Miratur, Floriana w detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 507576(M).

Talli f'dawn il-gzejjer u cioe' fil-propjeta privata bl-isem 'Casa Delfina', Fomm ir-Rih, Limiti ta' l-Imgarr, Malta nhar it-22 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-11.30 a.m, b'mod involontarju hassartu u/jew ghamiltu hsara u/jew gharraqtu tabella tal-hadid, pilastru tal-bricks, parti min hajt tas-sejjieh u xatba tal-hadid, liema hsara tammonta ghal madwar Lm125 ghad-dannu ta' Maria Gabriella Fuchs Barth.

Il-Qorti hija mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-kwerelanta jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat in-nota ta' rininzja;

Tiddikjara l-procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------